MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 53/2008/1

**Essa Maneh u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2012 Dr. Katrine Camilleri giet appuntata bhala mandatarja tal-assenti Essa Maneh**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principal tal-Immigrazzjoni u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern**

## <u>Preliminari</u>

**1.** Dan hu appell interpost mir-rikorrent Essa Maneh [l-appellant] minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 2009 li permezz

tieghu dik il-Qorti sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], u l-Artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta][il-Konvenzjoni].

**2.** Minn din id-decizjoni appella biss ir-rikorrent Essa Maneh.

**Aggravji**

**3.** L-appellanti sejjes l-appell tieghu fuq is-segwenti aggravji: [1] l-illegalita` tad-detenzjoni tal-appellant ai termini tal-Artikolu 5[1][f] tal-Konvenzjoni; [2] il-ksur tal-Artikoli 5[2] u 5[4] tal-Konvenzjoni; u [3] it-trattament inuman u degradanti fit-termini tal-Artikolu 3, li gie sottomess ghalih l-appellant bid-detenzjoni tieghu fic-centru ta' Hal Safi.

**Il-Fatti**

**4.** Illi l-fatti relevanti huma s-segwenti.

**5.** Fit-23 ta' Gunju 2008 grupp ta' nies gejjin minn pajjizi tat-Tielet Dinja, fosthom l-appellat, dahlu bid-dghajsa f'Malta, bi zball fi triqithom lejn l-Italja. Il-pulizija mid-dipartiment tal-immigrazzjoni, segwew il-procedura solita f'kazijiet bhal dawn. Ghalhekk mal-wasla taghhom f'Malta, dan il-grupp, inkluz allura l-appellant, gew ezaminati minn tobba, u immedjatament inghataw kopja ta' ordni tat-tnehhija peress li kienu qed jitqiesu bhala immigranti projbiti, skont l-Artikolu 5[1] tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni [Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta]. Konsegwenza ta' din l-ordni huma gew detenuti. Fuq din l-ordni kien hemm indikat id-dritt moghti mil-ligi lill-immigrant ipprojbit li jappella minn dik l-ordni fi zmien tlett ijem utili.

**6.** Mal-imsemmija ordni, inghataw ukoll librett li fih hemm spjegat bil-lingwa Ingliza, u b'mod facli li wiehed jifhem dak li hemm miktub, id-drittijiet li ghandu immigrant ipprojbit skont il-ligi, kif ukoll l-obbligi tieghu. Fost id-

drittijiet indikati, hemm id-dritt li l-immigrant jappella quddiem il-Bord dwar l-Immigrazzjoni [il-Bord] sabiex jigi rilaxxjat mid-detenzjoni, kif ukoll id-dritt li japplika ghall-i*status* ta' refugjat. Hemm ukoll indikat li, fil-kaz li japplika ghal dan l-i*status*, huwa xorta wahda jibqa' mizmum f'detenzjoni pendenti l-applikazzjoni, sa massimu ta' 18-il xahar, ghalkemm wara 12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni huwa jkollu d-dritt ghal access ghad-dinja tax-xoghol. Hemm ukoll indikat id-dritt ghall-assistenza legali.

**7.** Is-Supretendent Sandro Zarb spjega li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-mument u anke l-kundizzjoni li jkunu fiha l-immigranti pprojbiti meta jasslu Malta, giet introdotta l-procedura li, jinghata l-imsemmi librett sabiex jigi assigurat li mad-detenzjoni kull immigrant ikollu l-informazzjoni necessarja dwar is-sitwazzjoni legali tieghu. Jghid li, bhala regola ma jigix spjegat lilhom bil-fomm, hlief li jghidulhom bid-dritt li jappellaw mill-ordni fi zmien tlett ijiemm utili, izda jekk xi hadd minnhom jistaqsi dwar xi informazzjoni huma jghidulhom. Dan sakemm ghadhom fil-Furjana. Meta ttiehdu fic-centru tad-detenzjoni hemmhekk l-immigranti pprojbiti jkollhom "access immedjat" ghad-diversi ghaqdiet mhux governattivi [NGOs] li jkollhom il-membri taghhom prezenti hemmhekk.

**8.** Il-Kmandant Brian Gatt, responsabbli ghac-centru tad-detenzjonijiet, jghid li c-centru Blokk B fejn ittiehed l-appellant, kien ghad kemm gie *refurbished* ghaxar xhur ilu, u jikkonsisti bazikament f'zewg sulari, li f'kull sular hemm hamest-ikmamar kbar u erba' zghar, kif ukoll kamra tal-banju, u fl-ewwel sular hemm ukoll il-*clinic*. Hemm *television* f'kull sular.

**9.** Fuq in-naha ta' wara tal-blokk, hemm spazju daqs nofs *ground* tal-*football* fejn id-detenuti fic-centru jkunu jistghu johorgu, ghalkemm mhux kollha f'daqqa, minn filghodu u minn wara nofsinhar, minhabba li f' dak iz-zmien ic-centru kien qed jospita mija u tmienja u disghin (198) detenuti.

**10.** Kuljum isir xoghol ta' manutenzjoni, peress li jkun hemm hafna hsarat rizultat ta' vandalizmu.

**11.** Kif l-immigranti jidhlu f'dan ic-centu jinghataw kull wiehed basket bl-affarijiet essenzjali ghal igene taghhom, hwejjeg u affarijiet ohra. Huma jinghataw tlett ikliet kuljum, provdut minn kumpanija privata fuq kuntratt. Kull xaharjen jinghataw *card* tal-*easy-line* sabiex ikunu jistghu jcemplu barra minn Malta, u jistghu jircievu telefonati meta jridu. Min irid, jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fic-centru, u jithallas ta' dan ix-xoghol, b'sigaretti u *telephone cards*, fuq ghazla tieghu.

**12.** Id-detenuti ghandhom assistenza medika kontinwa. Maghtul il-gimgha jkun hemm tabib u *nurse* kuljum, provduti mill-Gvern filghodu u mill-NGOs filghaxija. Jinghataw kura medika b'xejn u anke jigu provduti bil-medicini necessarji. Fejn ikun hemm bzonn jittiehdu l-Isptar, kif fuq indikat.

**13.** Rigward assistenza legali x-xhud jghid li "kull ma jrid jaghmel huwa li dak li jkun javzana li jrid ikellem avukat u ahna niehdu hsieb nipprovdulu bil-procedura normali."[1] Meta applikazzjoni ghal *status* ta' refugjat tigi michuda u jkun hemm appell, id-detenut jigi provdut bl-assistenza legali min-naha tal-Gvern. "Hafna minnhom jiehdu parir legali min-naha tal-NGOs u jkollhom assistenza minn hemm".[2] Ix-xhud sahaq, li c-centri ghandhom *'open-door policy'* ghal NGOs, u anzi jhajruhom jattendu c-centri.

**14.** Jghid ukoll li, ghalkemm ma jipprovdulhomx *stationery*, "jekk jigi mmigrant jghid li jrid jikteb lil Ombudsman jew irid jikteb lil President ta' Malta, u qed insemmi dawn il-kazijiet ghax fil-fatt graw, jiena nipprovdilu l-i*stationery* mehtiega biex jaghmel l-ittra tieghu."[3]

**15.** Rigward l-appellant, jirrizulta mill-provi li, ghalkemm dan inghata l-librett mal-ordni tat-tnehhija, u ghalkemm, jekk mhux mal-wasla tieghu f'Malta, izda meta ttiehed ic-

[1] Fol.48
[2] Fol.51
[3] Fol.50

centru seta' jikseb l-ghajnuna necessarja f'dan ir-rigward, dan xorta wahda ma appellax la mill-ordni tat-tnehhija, u lanqas sabiex jigi rilaxxjat mid-detenzjoni taht l-Artikolu 25A tal-Kap. 217, izda minflok, ipprezenta applikazzjoni sabiex jigi rikonoxxut bhala refugjat.

**16.** F'Gunju tas-sena 2009, sena wara l-wasla tieghu f'Malta, l-appellant gie rilaxxjat mid-detenzjoni, u fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2012 l-Avukat tal-appellati vverbalizzat li skont informazzjoni moghtija lilha mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-appellant "jinsab mahrub minn Malta u fil-25 ta' Novembru 2011 kien jinsab l-Awstrija."[4] Fis-seduta sussegwenti, id-difensur tal-appellant prezentat prokura specjali moghtija mill-appellant lil Dr. Katrine Camilleri sabiex tirrapprezentah f'dawn il-proceduri.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**17.** Illi fir-rikors promotur l-appellat, ma tliet rikorrenti ohra, talab li l-ewwel Qorti tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali, fuq citati; u [2] li taghti rimedju xieraq u necessarju sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom, u mhux limitatament il-helsien immedjat mid-detenzjoni.

**18.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ir-rikorrenti jallegaw li d-detenzjoni taghhom hija in vjolazzjoni ghall-artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet Fondamentali, inkorporat fil-ligi Maltija bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

"L-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jikkorispondi mal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u jipprovdu li hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi u fil-kazijiet elenkati fl-istess artikoli. Ghall-

[4] Fol.371

fini ta’ dawn il-proceduri dak li hu importanti huwa l-klawsola (j) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u l-klawsola (f) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“L-artikolu 34 (j) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li persuna tista’ tigi mcahhda mil-liberta’ personali taghha,

*““Sabiex jigi evitat id-dhul illegittimu ta’ dik il-persuna f’Malta, jew sabiex tigi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tnehhija legittima ohra ta’ dik il-persuna minn Malta jew it-tehid ta’ proceduri dwar hekk jew sabiex tigi mrazzna dik il-persuna waqt li tkun qed tigi mghoddija minn Malta fil-kors ta’ l-estradizzjoni jew tnehhija taghha bhala prigunier misjub hati minn pajjiz ghall-iehor”.*

“L-artikolu 5 (f) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li persuna tista’ tigi mcahhda mil-liberta’ personali taghha fil-kaz li,

*““L-arrest jew id-detenzjoni skond il-ligi ta’ persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorita’ fil-pajjiz jew ta’ persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni”.*
“Fil-waqt li l-Kostituzzjoni tippermetti d-detenzjoni ta’ persuna “sabiex tigi effettwata“ it-tkeccija taghha minn Malta jew sabiex ikunu jistghu jittiehdu proceduri ghal dan l-iskop, il-Konvenzjoni Ewropea tippermetti hi ukoll id-detenzjoni “pending the decision on his admission, deportation or extradition” – “Theory and Practice of the European Convention on Human Rights” ta’ Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Zwaak (4th Edit. 2006 pagna 481). Ghalkemm id-dicitura uzata fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea hi ftit differenti, is-sens fiz-zewg kazi hu l-istess u cioe’, li f’kaz ta’ barrani, id-detenzjoni tieghu hija legittima sakemm ikun ghaddej il-process ta’ jekk ghandux jew le jitkecca minn Malta.

“Kif jinghad ukoll fl-istess ktieb fuq imsemmi (op. Cit. pag. 481):

*““Article 5 Paragraph 1 under (f) does not require that the detention of a person against whom action is being taken*

*with a view to deportation or extradition must be reasonably considered necessary, for example to prevent his committing an offence or fleeing. In this respect Article 5 (1) under (f) provides a lower level of protection than Article 5 Paragraph 1 under (c): all that is required under (f) is that action is being taken with a view to deportation or extradition. It is, therefore, immaterial whether the underlying decision can be justified under national or Convention law".*

"Dan, ovvjament, ma jfissirx li persuna tista' tinzamm arrestata indefinittivament sakemm jigu decizi l-proceduri relattivi fil-konfront taghha. L-istess awturi jghidu dan fil-kuntest tal-Kontinwazzjoni tad-detenzjoni (op. Cit. Pag. 482):

*""Article 5(1) under (f) implies the guarantee that the detention must have no purpose other than that of preventing the admission of the alien in question to the country or of making it possible to decide on his deportation or extradition. Article 18 of the Convention, which prohibits restrictions of the rights and freedoms for any purpose other than that for which they have been prescribed, applies here as well. In the first place, this means that the deprivation of liberty is unlawful if the deportation order, and the way in which it is enforced, constitute a misuse of power. In the second place, it follows that the detention must not be attended with more restrictions for the person concerned and must not last longer than is required for a normal conduct of the proceedings. In the Quinn Case the Court held: "It is clear from the wording of both the French and the English versions of Article 5 1(f) that deprivation of liberty under this sub-paragraph is justified only for as long as extradition proceedings are actually taking place. It follows that if such proceedings are not being conducted with due diligence, the detention ceases to be justified under Article 5 1(f)." Thus, although the duration of detention is only mentioned in paragraph 3 of Article 5 and this provision refers only to detentions under paragraph 1(c), the Court stipulates that the period of detention may not exceed a reasonable time. The reasonableness of the length of*

*detention has to be assessed in each individual case. In this respect not only the length of this extradition or deportation proceedings is properly relevant, but also the length of connected procedures such as, for instance, summary proceedings which may result in a stay of execution of the extradition. If it has been decided to prolong the detention in the interest and at the request of the person concerned, e.g. in order to find a suitable country which is prepared to admit him, or in order to obtain certain guarantees from the extradition-requesting State with regard to his treatment, he cannot claim afterwards that he is the victim of this prolonged detention".*

"Kwindi kollox idur fuq il-fatt jekk iz-zmien tad-detenzjoni fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandux jew le jitqies wiehed ragjonevoli.

"F'dan il-kaz m'hemmx dubju li r-rikorrenti dahlu Malta b'mod illegali u minghajr id-dokumenti kollha mehtiega. Fic-cirkostanzi dawn ma ghandhom ebda dritt jibqghu jirrisjedu f'Malta u huma suggetti ghad-deportazzjoni. L-istess rikorrenti, pero' applikaw li jinghataw status ta' refugjati, f'liema kaz huma jkollhom dritt li ma jintbghatux lura minn fejn gew; id-deportazzjoni titwaqqaf anke jekk avolja ma jikwalifikawx ghal status ta' refugjati, jigi dikjarat li ghar-ragunijiet umanitarji ma jimmeritawx li jigu mkeccija.

"Il-process ta' tkeccija fil-konfront tar-rikorrenti gie ghalhekk sospiz sakemm jigi determinat finalment l-istatus taghhom, u tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jinzammu f'lok ta' detenzjoni, b'cahda ovvja ghal-liberta' personali taghhom. Iz-zmien tad-detenzjoni, pero', mhux marbut maz-zmien li jittiehed biex jigi finalizzat il-process, ghax il-ligi tipprovdi ghal zmien massimu ta' 12-il xahar. F'kaz li l-barrani ma japplikax ghal status ta' refugjat, irid jinheles mid-detenzjoni wara 18-il xahar. Dan ifisser li jekk il-process ghad-determinazzjoni tal-istatus tal-barrani u/jew l-eventwali deportazzjoni tieghu, jigi konkluz qabel l-gheluq tal-perjodu ta' 12 jew 18-il xahar skond il-kaz, l-istess barrani

jigi mehlus jew deportat skond il-kaz, u allura jinhareg mill-post ta' detenzjoni li fiha qed jinzamm. Jekk, min-naha l-ohra, il-process jitwal, hi x'inhi r-raguni, ir-rikorrenti jridu jinhallu mid-detenzjoni wara t-terminu prefiss. Ir-rikorrenti qed isostnu, pero', li dan iz-zmien ta' 12 jew 18-il xahar hu twil wisq u mhux wiehed ragjonevoli.

"Fil-Kolompar Case, deciz mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fl-24 ta' Settembru, 1992, intqal li detenzjoni ta' aktar minn sentejn huwa wiehed twil u irragjonevoli. Fil-kaz taghna, iz-zmien prefiss huwa dak ta' sena jew sena u nofs u fil-fehma ta' din il-Qorti dan iz-zmien ma jistax jitqies li jeccedi "a reasonable time". F'kazijiet bhal dawn il-Qorti tifhem il-htiega li jinzamm bilanc bejn il-liberta' tal-individwu, u d-dritt tal-istat li jipprotegi u jhares l-aspett socio-kulturali ta' pajjizna. Malta tinsab fic-centru tar-rotta li persuni minn diversi stati anqas zvilluppati minna fl-Africa jiehdu biex b'mod illegali, jaqsmu ghall-Ewropa bl-isperanza li jsibu livell ta' ghixien ahjar. Minhabba f'hekk, diversi minn dawn il-persuni jieqfu Malta bil-hsieb li minn hawn, ikollhom access aktar facli ghal xi pajjiz akbar fl-Ewropa. Hafna drabi dawn il-persuni jieqfu Malta, mhux ghax hekk iridu, izda ghax waqt li jkunu qed ibahhru fil-Mediterran, id-dghajsa taghhom issofri xi hsarat jew tispicca bla fuel, bir-rizultat li jkollhom bzonn li jigu salvati minn tragedja f'nofs ta' bahar. Jekk ikunu jinsabu f'ibhra vicin it-territorju ta' Malta, wara s-salvatagg dawn jingiebu Malta biex il-kaz taghhom jigi mistharreg mill-awtoritajiet kompetenti. Jekk persuna jkollha fuqha d-dokumenti ta' identita' u dawk relatati mac-cittadinanza taghha, l-investigazzjoni u/jew l-eventwali deportazzjoni timxi b'ritmu mghaggel. Hafna drabi, pero', dawn il-persuni ma jkollhomx maghhom id-dokumenti mehtiega ghax ma jkunux iridu jintbaghtu lura lejn pajjizhom, u allura l-process ta' identifikazzjoni tal-istatus taghhom ikollu jiehu tul ta zmien. Biex persuna tinghata status ta' refugjat, mhux bizzejjed li hi tghid li gejja minn pajjiz fejn hemm glied u tahwid b'periklu ghal sahhieta, imma jrid jigi determinat li hi fil-fatt, gejja minn dak il-pajjiz, u peress li, kif inghad, dawk il-persuni ma jkollhomx dokumenti rilevanti, il-process necessarjament ikun wiehed twil. Maghdud ma' dan, hemm in-numru kbir ta' nies li, b'dan il-

mod, jaslu f'pajjizna, specjalment waqt ix-xhur tas-Sajf, b'mod li kull persuna li tasal Malta trid bilfors tistenna t-turn taghha qabel ma l-kaz jigi investigat kif imiss.

"Fil-kaz ta' Malta, it-tul ta' zmien hu, ghalhekk, determinat mhux biss bin-numru kbir ta' persuni li jizbarkaw fuq l-ixtut taghna, izda bil-fatt li hafna minn dawn il-persuni, jekk mhux kollha, ma jikkoraborawx mal-awtoritajiet billi ma jfornuwhomx bid-dokumenti personali taghhom.

"Konxju minn din il-problema, l-istat Malti ddecieda li, f'kull kaz, il-process ta' investigazzjoni ma ghandux iwassal biex il-persuna koncernata tigi mcahhda mil-liberta' taghha ghal aktar minn 12 jew 18-il xahar. Fil-waqt li, min-naha l-wahda, l-istat irid izomm kontroll fuq dawn il-persuni li jinzlu Malta illegalment u irid joffri forma ta' deterrent ghal min ikun irid jaghmel l-istess, fl-istess hin jifhem is-sitwazzjoni personali ta' dawn il-persuni u avolja mhux dejjem jikooperaw bis-shih mal-awtoritajiet, ma zzommhomx mcahda mil-liberta' personali taghhom ghal tul ta' zmien irragjonevoli. Din il-Qorti taqbel mal-mod kif l-istat Malti holoq dan il-bilanc bejn id-dritt ta' kull individwu ghal-liberta' personali tieghu, u d-dritt tal-istat li jahseb li jipproteggi l-interessi socio-kulturali tieghu.

"Il-pozizzjoni tar-rikorrenti hija marbuta mal-htiega li jinzamm dan il-bilanc. Fil-waqt li ma giex muri jekk huma ghandhomx jew le fil-pussess taghhom id-dokumenti ufficjali relatati mal-identita' taghhom (probabilment li le) il-kaz taghhom qed jigi investigat skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti biex jigi deciz ghandhomx jinghataw status ta' refugjati, jigux deportati jew jinzammux Malta fuq bazi umanitarja. Sakemm dan il-process jigi determinat, l-istat ghandu dritt izomm lir-rikorrenti f'detenzjoni, u fil-fehma ta' din il-Qorti, fic-cirkostanzi, iz-zmien ta' detenzjoni "does not exceed a reasonable time".

"Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li d-detenzjoni taghhom ghandha titqies li tossoggethom ghal trattament inuman u degredanti, u dan kontra dak li jipprovdi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"L-ewwel nett din il-Qorti tirrileva li kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Calleja v. Kummissarju tal-Puluzija et", deciza fid-19 ta' Frar, 2008, il-grad ta' prova rikjesta mhux dik ta' "proof beyond reasonable doubt". Wara analizi tal-gurisprudenza in materja dik il-Qorti osservat li:

*""Taqbel li, bhala regola, l-uzu ta' l-espressjoni "beyond reasonable doubt" ghall-finijiet ta' prova mhux biss fil-kuntest ta' kawza ta' indoli civili izda aktar u aktar meta si tratta ta' xi haga li spiss tkun avverat ruhha b'tali mod li jista' jkun qed isir minn kollox biex il-fatti jigu mistura ma hux desiderabbli. Il-prova li r-rikorrent appellat kien jehtieglu jaghmel f'dan il-kaz kienet biss dik sal-grad tal-probabbli. S'intendi, trattandosi ta' allegazzjoni serja, dan ifisser li l-Qorti trid tkun kawta qabel ma taccetta dak li jghid xhud bhala li hu minnu".*

"F'dik il-kawza, dik l-Onorabbli Qorti insistiet ukoll fuq il-htiega li l-Qorti tiddistingwi bejn trattament inuman u trattament degredanti, ghax fil-waqt li hu veru li trattament inuman huwa fih innifsu necessarjament degredanti, pero', l-invers mhux necessarjament huwa minnu.

"Skond il-gurisprudenza ormaj kopjuza tal-Qorti ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering" – Reid, "a Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (2nd Edit. 2004 pagna 522). It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ovvjament dan irid jirrzulta indipendentement mill-fatt stess ta' detenzjoni permess kif intwera, ghal zmien ragjonevoli taht l-artikolu 34 (j) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 (f) tal-Konvenzjoni Ewropea.

"F'dan il-kaz ma jirrizultax li d-detenzjoni f'zona determinata flimkien ma' persuni ohra, a differenza minn solitary confinement, ghal 12 jew 18-il xahar, jitqies li jwassal ghall-"intense physical and mental suffering". Ovvjament, l-esperjenza tar-rikorrenti sakemm waslu

Malta, u l-fatt li sabu ruhhom mcahhdin mil-liberta', wassal biex dawn isofru forma ta' dwejjaq u tbatija, pero', ma jirrizultax li kien hemm dak il-grad ta' sofferenza mentali jew fizika li twassal biex it-trattament jinghad li hu inuman.

"Ghar-rigward ta' trattament degredanti, generalment, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta' taghha. Fil-kaz "Ranninen v. Finland" deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Dicembru, 1997, intqal li:

*""In considering whether a punishment or treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3"*.

"Kif itqal fil-kaz "Peers vs Greece", deciza mill-Qorti Ewropea fid-19 ta' April, 2001,

*""The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162).*

*"Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55).*

*"… …*

*"In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. The United Kingdom [GC], no. 24888/94, 71, ECHR 1999-IX)".*

"Aktar recentement, fil-kaz "<u>Yancov v. Bulgaria</u>", deciza mill-istess Qorti fil-11 ta' Dicembru 2003 inghad hekk:

*""In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, 101, ECHR 2002-VI).*

*"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162).*

*"The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained*

*in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unvoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, 93-94, ECHR 2000-XI)".*

"Ma jirrizultax f'dan il-kaz li d-detenzjoni in kwistjoni hija intiza "to humiliate and debase" ir-rikorrenti. Id-detenzjoni tista' titqies, fic-cirkostanzi partikolari ta' pajjizna, bhala mizura mehtiega ghall-istabbilita' ta' pajjiz biex kemm jista' jkun, jigi evitat duluvju ta' nies "irregolari" jiggerrew ma' Malta, u dan minghajr ma l-interess u d-disposizzjoni ta' kull persuna tigi almenu prima facie, stabbilita. Kif intqal, irid jirrizulta trattament li "must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given forum of legitimate treatment", u darba f'dan il-kaz id-detenzjoni ghal 12-il xahar huwa ghal zmien ragjonevoli, fic-cirkostanzi ta' pajjizna, u la darba ma jirrizultax li dawn qed jinzammu f'kundizzjonijiet inkompatibbli mar-rispett dovut lid-dinjita' umana, ma jistax jinghad li jirrizulta ksur tal-artikoli tal-ligi invokati.

"Ghar-rigward tal-ambjent fic-centru ta' detenzjoni, din il-Qorti tghid li, ghalkemm is-sitwazzjoni mhux ideali u hemm skop fejn l-affarijiet jistghu jitrangaw, ma jirrizultax li l-immigranti irregolari li qed jigu alloggjati fil-lok Block B, Hal Safi Detention Centre, qed jigu assoggettati "to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention". Trattandosi tal-fatt li r-rikorrenti dahlu f'pajjizna b'mod illegali jew m'ghandhomx mezzi biex isostnu lilhom infushom (u ma jkunux ta' piz fuq il-fondi pubblici), id-detenzjoni taghhom mhux haga mhux konsentita, u s-sahha u l-well-being tar-rikorrenti huma, fic-cirkostanzi, ben protetti. Mix-xhieda li ta l-Commander Brian Gatt, li hu inkarigat mis-servizzi fic-Centri ta' detenzjoni, ghalkemm jidher li r-rikorrenti huma imqieghda f'post li hu ftit "over crowded", is-sitwazzjoni taghhom mhux wahda imwera jew umiljanti.

“Ir-rikorrenti igergru mill-fatt innifsu ta’ detenzjoni u li jridu jmorru lejn l-Ewropa biex ifittxu hajja ahjar; ‘il boghod minn kull decizjoni politika fir-rigward, gia intwera li l-Gvern Malti hu intitolat li jipprovdi ghad-detenzjoni ta’ dawn il-persuni sakemm l-istat taghhom jigi definit (basta li z-zmien ta’ detenzjoni jkun wiehed ragjonevoli, kif inhu f’dawn il-kazijiet). Waqt li jkunu fic-centri ta’ detenzjoni, huma ben nutriti, u l-istat ta’ sahha taghhom huwa ukoll, fic-cirkostanzi, imhares.

“Jidher ukoll li l-immigranti irregolari jinghaqdu fi gruppi etnici, u hafna drabi, grupp jirrikorri ghall-attijiet ta’ vandalizmu fuq l-amenitajiet tal-post bhala dispett ghal xi grupp iehor. Ikun ahjar jekk kull grupp etniku jigi alloggjat f’sezzjoni differenti minn dik fejn jinsabu alloggjati gruppi etnici ohra, pero’ din il-Qorti tifhem u ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-problemi logistici li influss ta’ immigranti illegali f’numru kbir johloq il-pajjiz zghir u digia “over populated”. Li trid tara din il-Qorti mhux jekk is-sitwazzjoni ta’ dawn il-persuni hijiex wahda hazina u tistghax tigi rrangata, izda jekk is-sitwazzjoni, ancorche’ hazina taghhom, hija daqshekk gravi li twassal ghall-konkluzjoni li qed jigu ttrattati b’mod dizuman. Kif intwera lill-Qorti, ma jidhirx li dawn il-persuni qed jigu assoggettati ghal “inhuman treatment” fis-sens tal-gurisprudenza fir-rigward. Is-sitwazzjoni tista’ tkun ahjar, specjalment fil-waqt li l-immigranti jitnizzlu Malta u jsir l-ewwel interrogatorju taghhom (meta jistghu jigu trattati ahjar minn semplici numri), pero’, anke meqjus il-lanjanzi kif formulati fir-rikors, din il-Qorti ma tistax tghid li sar xi ksur tad-drittijiet invokati.

“Il-lanjanzi tar-rikorrenti almenu quddiem din il-Qorti, huma ta’ natura zghira wisq biex jimmeritaw konsiderazzjoni. Jilmentaw, per ezempju, li l-patata fl-ikel tkun bajda wisq jew li jkollhom ftit sauce mal-ikel. Ovvjament, huma ghandhom dritt jinsistu li s-soggorn taghhom f’Malta tkun wahda komda kemm jista’ jkun, izda meta l-Qorti tisma’ dawn l-affarijiet, ikollha bil-fors tirrikunsidra l-gravita’ tal-ilmenti taghhom. Kollox ma kollox, din il-Qorti ma tarax li r-rikorrenti wrew li huma gew trattati mill-awtoritajiet b’xi

disrispett jew b'mod inuman, u kwindi sejra tichad it-talbiet taghhom."

*L-ewwel aggravju*

**19.** Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi d-dritt ghal liberta`, kif ukoll fuq l-eccezzjonijiet ghal dan il-principju kontenuti fl-istess sub-inciz, u senjatament il-paragrafu [f]. Fil-parti relevanti tieghu dan l-Artikolu jaqra hekk:

"Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi.

"... ... ...

"[f] l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorita' fil-pajjiz jew ta' persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza [fit-test ingliz: "action is being taken"] ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni."

**20.** L-appellant isostni li, fil-kaz tieghu, id-detenzjoni ma taqax fil-parametri tal-imsemmi sub-inciz, u, ghalkemm inizjalment setghet kienet legali, din sussegwentement saret illegali fit-termini tal-imsemmi sub-inciz, ghax persuna tista' tigi detenuta biss biex tigi projbita milli tidhol fil-pajjiz jew jekk qed tittiehed azzjoni biex titnehha mill-pajjiz.

**21.** Ikompli l-aggravju hekk:

"... ... ma jistax jinghad .illi d-detenzjoni tal-esponent issib gustifikazzjoni ai termini ta' l-artikolu 5[1][f] tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan ghaliex, ghalkemm fil-kaz in ezami inharget ordni ta' tnehhija fil-konfront tar-rikorrenti, fl-ebda hin waqt it-tnax-il xahar li huwa dam detenut ma setghu jittiehdu proceduri biex tigi effettwata t-tnehhija tieghu minn Malta ... ... ... dan l-artikolu bl-ebda mod ma jista' jifthiehem illi qed jawtorizza d-detenzjoni ta' kull min inharget fil-konfront tieghu ordni ta' tnehhija, izda jirrikjedi b' mod inekwivoku li tkun qed tittiehed azzjoni ghat-

tnehhija tal-persuna koncernata biex id-detenzjoni tkun gustifikata."

**22.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-iskop tal-imsemmi Artikolu 5 [1] huwa dak li jipprotegi d-dritt ghal-liberta` tal-individwu kontra l-interferenza arbitrarja tal-Istat, izda fl-istess waqt jirrikonoxxi li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw deroga ghal dan id-dritt, fosthom dawk kontemplati fil-paragrafu [f] tal-istess sub-inciz, meta l-arrest jew detenzjoni jkun intiz sabiex jigi evitat dhul minghajr awtorizzazzjoni fil-pajjiz jew sabiex jigi deportat mill-pajjiz. Din ic-cirkostanza taghti dritt lill-Istat li jiehu dawk il-mizuri sabiex jevita dan id-dhul mhux awtorizzat.

**23.** Konformament ma' dan, l-Att dwar l-Immigrazzjoni [Kap. 217] fl-Artikolu 5 jipprovdi li:

"[1] Kull persuna, li tkun wahda li ma jkollhiex id-dritt ta' dhul jew ta' dhul u residenza, jew ta' moviment jew transitu that it-Taqsimiet precedenti, tista' tigi rifjutata milli tidhol, u jekk hija tizbarka jew tkun qeghda f' Malta minghajr il-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projibit."

**24.** Ghalhekk malli l-appellant dahal Malta bid-dghajsa minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni, huwa sar immigrant ipprojbit, u bhala tali, l-Istat Malti kellu dritt li jarrestah u jzommu f'detenzjoni biex *"jigi evitat li jidhol minghajr l-awtorita'"* f'dan il-pajjiz.

**25.** Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Saadi v. The United Kingdom**[5]**:**

*"Until a State has 'authorised' entry to the country, any entry is 'unautorised' and the detention of a person who wishes to effect entry and ho needs, but does not yet have authorisation to do so, can be, without any distortion of language, to "prevent his effecting unauthorised entry". It does not accept that, as soom as an asylum seeker has surrendered himself to the immigration authorities he is*

[5] Appl.13229/03 – 29 Jannar 2008

*seeking to effect 'an unathorised entry' with the result that detention cannot be justified under the first limb of Article 5[1][f]. To interpret the first limb of Article 5[1][f] as permitting detention only of a person who is shown to be trying to evade entry restrictions would be to place too narrow a construction on the terms of the provisions and on the power of the State to exercise its undeniable right of control referred to above."*

*"Such interpretation would, moreover be inconsistent with Conclusion N.44 of the Executive Committee of the United Nations High Commissioner for Refugees' Programme, the UNHCR Guidelines and the Committee of Ministers Recommendation [see paragraphs 34-35 and 37 above, all of which envisage the detention of asylum seekers in certain circumstances, for example while identity checks are taking place or when elements on which the asylum claim is based have to be deterimined."*[6]

**26.** Ghaldaqstant id-detenzjoni tal-appellant mal-wasla tieghu f'Malta, kienet legali fit-termini tal-artikolu konvenzjonali in dizamina, u l-applikazzjoni tieghu ghall-i*status* ta' refugjat la tissana l-pozizzjoni tieghu ta' immigrant ipprojbit u lanqas tirrendi d-detenzjoni tieghu wahda llegali, ghax kif rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fl-imsemmi kaz id-dritt tal-Istat li jiehu mizuri biex jevita dhul mhux awtorizzat ta' immigranti pprojbiti jestendi anke ghal kaz ta' meta jkun hemm tali applikazzjoni. Fi kliem iehor, l-applikazzjoni ma tissanax il-pozizzjoni tal-immigrant ipprojbit sakemm dan ma jgibx l-awtorizzazzjoni necessarja biex ikun jista' joqghod il-pajjiz legalment. Ghalhekk, id-dritt tal-Istat li, f'dawn ic-cirkostanzi, izommu taht detenzjoni.

*"It is a necessary adjunct to this right [to control aliens' entry and residence] that States are permitted to detain would-be immigrants who have applied for permission to enter, whether by way of asylum or not. It is evident from the tenor of the judgment in Amuur that the detention of*

---

[6] Para.65

*potential immigrants including asylum seekers is capable of bieng compatible with Article 5."*[7]

**27.** Stabbilit li d-detenzjoni tista' tkun konformi ma' l-Artikolu 5, jehtieg issa li jigi ezaminat jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, iz-zamma tal-appellant in detenzjoni kinitx wahda legali, jew inkella arbitrarja. Ghandu jkun car li kull kaz ghandu jigi ezaminat fuq il-mertu tieghu[8].

**28.** L-appellant jghid li d-detenzjoni tieghu, anke jekk inizjalment setghet kienet legali, saret arbitrarja u llegali, ai termini tal-artikolu citat.

**29.** Fis-succint l-appellant isostni li z-zamma tieghu fid-detenzjoni kienet illegali, tenut kont li ma kinitx necessarja, ma kinitx *"with a view to deportation"*[9] u ghalhekk kien mankanti l-element tal-bona fede stante li l-awtoritajiet kienu konxji tal-fatt li l-applikazzjonijiet ghall-i*status* ta' refugjat idumu x-xhur biex jigu konkluzi, li ligi li tirregola z-zamma f'detenzjoni tal-immigranti pprojbiti m'hijiex cara u preciza bizzejjed, u ma tipprovdix is-salvagwardi procedurali neccessarji ghall-protezzjoni tad-dritt emanenti mill-paragrafu [f].

**30.** Fl-ewwel lok jigi osservat li, dwar il-kuncett ta' arbitrarjeta` l-Qorti Ewropeja ddentifikat is-segwenti principji: illi dan il-kuncett mhuwiex limitat ghall-parametri tal-ligi nazzjonali,[10] u li n-nuqqas tal-*bona fede* da parti tal-awtoritajiet tal-Istat membru jirrendi d-detenzjoni bhala wahda arbitrarja u ghalhekk tivvjola l-Artikolu 5[1].

*"It is a fundamental principle that no detention which is arbitrarjy can be compatible with Article 5 [1] and the notion of arbitrariness in [this article] extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law, but still arbitrary and thus contrary to the Convention."*[11]

---

[7] ***Saadi*** – para.64
[8] **Rehbock v. Solvenia** – para.84 – 28 Novembru 2000
[9] Art.5 [f]
[10] *Saadi* para 67
[11] *Saadi* – para 67

**31.** Dwar il-kuncet ta' arbitrarjieta' il-Qorti Ewropea osservat hekk:

*"To avoid being branded as arbitrary, therefore such detention must be carried out in good faith; it must be closely connected to the purpose of preventing unauthorised entry of the person to the country; the place and conditions of detention should be appropriate, bearing in mind that 'the measure is applicable not to those who have committed criminal offences but to aliens who, often fearing for their lives, have fled from their own country' [see Ammur para.43]; and the length of the detention should not exceed that reasonaly required for the purpose pursued."*[12]

**32.** Barra minnhekk, u dwar it-tieni parti tal-Artikolu 5[1][f], il-Qorti Ewropeja osservat li, l-element tan-necessita` fid-detenzjoni ma huwiex necessarju kemm-il darba *"action [was] being taken with a view to deportation".* Inoltre, il-principju tal-proporzjonalita` japplika ghal dan l-Artikolu *"only to the extent that the detention sould not continue for an unreasonable length of time..... and any deprivation of liberty under Article 5[1][f] will be justified for as long as deportation proceedings are in progress. If such proceedings are not prosecuted with due diligence, detention will cease to be permissible [see also Gebremedhin v France no.25389/05 para.74]*[13]

**33.** Illi fil-kaz tal-appellant ma jistax validament jinghad li z-zamma tieghu f'detenzjoni kienet nieqsa mill-element tal-*bona fede*, tenut kont li dan dahal f'Malta minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u allura kontra l-ligi domestika bir-rizultat li gie servut b'ordni tat-tnehhija, u b'hekk d-detenzjoni saret u baqghet issir *"to prevent his effecting an unathorised entry into the country"*[14]*.* Din l-ordni baqghet fis-sehh tul il-perjodu kollu tad-detenzjoni. Inoltre, l-ordni ma komplietx tigi esegwita meta l-appellent applika ghall-istat ta' refugjat stante il-ligi

[12] *Saadi*i - para 74
[13] *Saadi* para.72; u **Chahal v. The United Kingdom** – 15 Novembru 1996 - [Supra] 113
[14] Art.5[1][f]

domestika, u senjatament ir-regolament 12 [1] tal-Avviz Legali 243/2008 jimpedixxi f'dawn ic-cirkostanzi l-ezekuzzjoni tal-ordni tat-tnehhija sakemm tigi deciza l-applikazzjoni.

**34.** Fir-rigward jigi osservat li, ghalkemm skont l-informazzjoni kontenuta fil-librett moghti lill-appellant, kemm mal-wasla tieghu f'Malta, kif ukoll mal-wasla tieghu fic-centru ta' detenzjoni, fejn kellu l-opportunita` u l-ghajnuna kollha biex ikun jaf id-drittijiet u obbligi tieghu, kien hemm specifikat li d-detenzjoni ma tieqafx bil-prezentata tal-applikazzjoni tieghu, huwa hass li kellu jaghmel din l-applikazzjoni, minghajr ma ha ebda passi provduti bil-ligi sabiex jattakka l-ordni tat-tnehhija u lanqas ma ha passi diretti ghar-rilaxx tieghu mid-detenzjoni.

**35.** In propozitu l-Artikolu 25A tal-Kap. 217, filwaqt li jipprovdi ghall-possibilita` ta' appell fi zmien tlett ijiem utili quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni[15] jaghti wkoll id-dritt lill-appellant, bhala persuna "arrestata jew taht detenzjoni" jitlob anke verbalment li jinghata l-liberta` provvizorja. Barra minn hekk is-sub-inciz 9 tal-istess Artikolu jaghti gurisdizzjoni lill-istess Bord li jiddeciedi applikazzjonijiet "... ... li jsiru minn persuni li jkunu qeghdin jinzammu sabiex jigu mehlusin mill-kustodja sakemm tigi deciza applikazzjoni taht l-Att dwar ir-Refugjat jew xort' ohra sakemm jigu deportati... ...".

**36.** Ghalhekk, ma jistax validament jinghad li d-detenzjoni tal-appellant ma kinitx in bona fede, jew ma kinitx *"closely connected to the purpose of preventing unauthorised entry".* Inoltre, ma jistax validament jinghad li ma kienx hemm *"proceedings in progress".*[16] Minkejja dan, l-applikant min-naha tieghu baqa' passiv ghal kollox fir-rigward, u naqas milli jizufruwixxi mill-mezzi li taghtih il-ligi ghall-helsien tieghu, anke fuq bazi provvizorja.

**37.** Illi fil-kaz **Louled Massoud v. Malta**[17] l-Qorti Ewropeja esprimiet il-fehema taghha li *"... the Maltese*

---
[15] Art.25A [5]
[16] *Chahal* [supra]
[17] Appl.24340/08 – 27 Lulju 2010 – para.71

*legal system did not provide for a procedure capable of avoiding the risk of arbitrary detention pending deportation"* u dan, kemm ghax il-limitu massimu ta' detenzjoni, ta' tmintax-il xahar ma jirrizultax mil-ligi izda mill-*policy* attwata mill-Gvern, kif ukoll ghax il-procediment quddiem il-Bord tal-Appelli ma kienx wiehed spedit, u dan apparti mil-limitazzjonijiet tieghu mpost fl-Artikolu 25A[11].

**38.** Fir-rigward din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li, il-perjodu massimu ta' sena detenzjoni ghall-applikazzjoni tal-i*status* ta' refugjat johrog mir-regolament 22 tal-Avviz Legali[18] tliet mija u ghoxrin (320) tas-sena 2005, u mhux minn *policy*. Fit-tieni lok tosserva li, ghalkemm huwa minnu li certu salvagwardi johorgu minn *policies* u mhux mill-Kap. 217, u ghalkemm huwa minnu li s-sub-inciz 11 tal-Artikolu 25A jimponi restrizzjonijiet fuq il-gurisdizzjoni tal-Bord, il-fatt jibqa' li fil-kaz tal-appellant ma giex provat li huwa jinkwadra fil-kundizzjonijiet kontemplati fis-sub-inciz 11, u ghalhekk ma giex provat li l-gurisdizzjoni tal-Bord kienet eskluza fil-konfront tieghu. Inoltre, ghalkemm it-terminu ta' tmintax-il xahar johrog minn *policy*[19] tal-Gvern, dan kienu applikabbli anke fiz-zmien li l-appellant, kif kien l-imsemmi regolament, tant, li wara li skada l-perjodu ta' sena mill-wasla tieghu f'Malta, huwa gie rilaxxjat mid-detenzjoni avolja l-applikazzjoni tieghu kienet ghadha fl-istadju ta' appell.

**39.** Hija opportuna l-osservazzjoni li l-kaz tal-appellant huwa different minn dak ta' Loulel Massoud fuq indikat fejn l-applikant kien inzamm f'detenzjoni ghal circa 18-il xahar <u>wara</u> li l-applikazzjoni tieghu ghall-i*status* ta' refugjat kienet giet michuda, u kien qed jinzamm f'detenzjoni biss ghar-raguni li kienu qed isiru tentattivi mill-awtoritajiet lokali, ghad-deportazzjoni tieghu. Meta rrizulta li d-deportazzjoni tieghu ma kinitx aktar possibbli minhabba nuqqas ta' dokumenti, huwa gie rilaxxjat mill-awtoritajiet Maltin.

---

[18] Li implimenta d-Direttiva 2003/9 EC tas-sena 2005

[19] Bazata fud id-Direttiva 2008/115/EC tal-Unjoni Ewropeja *"On commonstandards and procedrues in Member States for retruning illegally staying third-country nationals*"

**40.** Dwar il-kundizzjonijiet tal-post tad-detenzjoni, il-Qorti tosserva li mix-xhieda tal-Kmandant Brian Gatt ma jirrizultax li l-kundizzjonijiet fic-centru fejn kien qed jinzamm l-appellant ma kienx *"appropriate"*. Fil-kaz ta' Malta, ezami ta' dan ir-rekwizit irid jiehu kont tas-segwenti fatturi, sollevati wkoll mill-ewwel Qorti: ic-cokon tal-pajjiz u d-densita` tal-popolazzjoni lokali, kif ukoll in-numru kbir ta' immigranti pprojbiti li kontinwament, partikolarment fiz-zmien ta' sajf, qed jizbarkaw Malta.

**41.** It-tul taz-zmien li fih inzamm detenut l-appellant, il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok it-tnehhija tieghu minn Malta giet sospiza minhabba l-applikazzjoni tieghu ghall-i*status* ta' refugjat, fit-tieni lok l-appellant naqas milli juzufruwixxi mill-mezzi talli taghtih il-ligi maltija li jitlob ir-rilaxx provvizorju sakemm l-applikazzjoni tigi deciza. Barra minnhekk, ma jistax jigi njorat il-fatt fuq indikat li Malta tospita numru kbir ta' immigranti pprojbiti li hafna minnhom japplikaw ghall-i*status* ta' refugjat bil-konsegwenza ta' dewmien fl-ipprocessar tal-applikazzjonijiet. Huwa opportun li jigi rilevat f'dan ir-rigward li, il-Gvern hareg l-Avviz Legali[20] li nforza tieghu gew kreati zewg divizjonijiet tal-Bord tal-Appelli. Dan zgur ser jikkontribwixxi sabiex l-ipprocessar tal-applikazzjoni jkun wiehed spedit.

**42.** Jigi osservat ukoll li dan l-influss kbir ta' immigranti pprojbiti jista' jkun ta' theddida ghal buon ordni fil-pajjiz, kif ukoll ghas-sigurta` nazzjonali, kemm minhabba n-numru taghhom kif ukoll iz-zmien li necessarjament jehtieg sabiex jigu verifikati l-identita` taghhom.

**43.** Illi meta wiehed iqis il-fatturi fuq indikati, partikolarment in-nuqqas da parti tal-applikant li japplika ghar-rilaxx provvizorju, ikkunsidrati wkoll il-bilanc gust li ghandu jsir bejn l-interessi tas-socjeta` in generali u l-htiega li jigi protett id-dritt sancit bl-Artikolu 5, ma jistax jinghad li d-detenzjoni tieghu kienet teccedi dak li hu ragjonevoli fic-cirkostanzi.

---

[20] AL 246/2011

**44.** Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju*

**45.** Dan hu bbazat fuq l-Artikoli 5[2] u 5[4]. Artikolu 5[2] jistipula:

"[2] Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfrumat minnufih f' lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet ta' l-arrest tieghu u dwar kull akkurza kontra tieghu."

**46.** L-appellant isostni li fil-kaz odjern *"bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-informazzjoni rikjesta mill-Konvenzjoni nghata lilu f'xi zmien wara li wasal Malta."* Jghid li, l-unici dokumenti li nghataw lilu meta kien detenut kienu l-ordni tat-tnehhija u l-*pamphlet* mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja u Intern, u jiccita lill-Ispettur Sandro Zarb meta dan qal *"ahna ma nghatuhomx aktar informazzjoni bill-fomm ghax kif ghid ikun kollox miktub fuq dan il-booklet".* Jiccita lill-Ispettur Edel Mary Camilleri meta din tghid *"huma jkunu ghajjienin hafna, u ma tnatx inkunu nistghu noqghodu nispjegawlhom dawn l-affarijiet."*

**47.** Jghid li *"filwaqt li l-ordni ta' tnehhija taghti r-ragunijiet ghaliex qed tigi ordnata t-tkeccija tar-rikorrent minn Malta, min imkien ma jirrizulta r-ragunijiet ghaliex l-immigranti in kwistjoni qeghdin jitqeghdu that arrest."*

**48**. Fil-kaz tal-appellant, lanqas il-*pamphlet* ma setgha jkun ta' konfort ghalih stante li huwa ma jafx jaqra u jikteb. Jghid fir-rigward li: *"huwa car li nuqqas ta' informazzjoni rigward ir-raguni tad-detenzjoni u sahansitra t-tul ta' din id-detenzjoni tqanqal hafna ansjeta`."*

**49.** Din il-Qorti tosserva li l-principji legali relatati mal-Artikolu 5[2] tal-Konvenzjoni gew elenkati minn din il-Qorti fil-kawza **Jovica Kolakovic v. Attorney Generali**[21]**:**

[21] App. 50/2011 – para.– 29 Ottubru 2012

*"Everyone who is arrested shall be informed promptly, in a language which he understands, of the reasons for his arrest and of any charge against him."*[22]

*"Two aspects to the application of Art.5[2] have been at the heart of the Court's jurisprudence: firstly whether the content of the information conveyed to a detainee is sufficient, and, secondly, the issue of the promptness of that information provision. Both are assessed case by case according to the special features of the application before the Court"*[23]

*"Also, an arrestee must be told in simple non-technical language which he understands of the essential legal and factual grounds of his arrest so that he may attack the lawfulness by challenging it in Court. This does not necessarily have to be made in writing or through a warrant, nor does this information guarantee a right of access to a lawyer*[24]*. In fact a person need not be expressly informed of the reasons for his arrest in so far as they are apparent from the surrounding circumstances*[25]*. Also, Art.5[2] does not require that the reasons for an arrest be given in any particular way*[26] *and the information given need not be related in its entirety by the arresting officer at the very moment of the arrest*[27]*; provided he is so informed within a sufficient period following the arrest*[28]

*"An arrest on suspicion of committing a crime does not require that information be given in a particular form, nor that it consists of a complete list of charges held against the accused person [App.no.4949/99 Bordovsky v Russia – 8th February 2003]. A bare indication of the legal basis*

[22] Art. 5[2] of the Convention
[23] Harris O' Boyle & Warbrick: **Law of the European Convention on Human Rights** [1995] pg.165
[24] Appl.12244/66, 12245/66, 12383/86 -**Fox, Campbell and Hartley v. UK** [1990]
[25] Appl. 1936/63 – **Neumeister v. Austria** [1968]; Appl.8916/80 Freda v Italy [1980]; and Appl.10179/82 **B v. France**
[26] Appl. 2621/65 **X v. Netherlands**
[27] Appl.110/36 **Ladent v. Poland** – 18th March 2008
[28] Appl. 8828/79 - **X v. Denmark** 1982 – 5th October 1982

*for an arrest does not suffice, but a 'fairly precise indication' of the suspicions against applicant such that he could promptly gain some idea of what he was suspected of would be deemed enough.* *[X v Germany1978; Fox, Campbell and Hartley v UK 1990 para 41]"*

**50.** Fil-kaz odjern, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-appellant jammetti li mal-wasla tieghu f'Malta huwa nghata l-imsemmi librett mal-ordni tat-tnehhija, u gew informati li setghu japplikaw ghal ghazil f'Malta, hadd ma spjegalu l-kontenut tal-librett, u, tenut kont li hu jghid li ma jafx jaqra, ma kienx jaf x'fih. Inoltre, hadd ma spjegalhom ghaliex kienu qed jinzammu f'detenzjoni.

**51.** Din il-Qorti, tenut kont tal-assistenza provduta lill-immigranti pprojbiti kemm mal-wasla taghhom f'Malta, kif ukoll fic-centru tad-detenzjoni, kif jirrizulta mill-provi, tikkunsidra ferm inverosimili t-tezi li l-appellant ma kienx jaf, ghaliex kien qed jigi detenut; *multo magis*, tenut kont tal-fatt li dan kien ampjament konxju tal-fatt li kien dahal f'Malta minghajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

**52.** Barra minnhekk, jghid li hu ma staqsa lil hadd mis-suldati jispjegalu x'kienu d-drittijiet tieghu, u lanqas talab sabiex jara avukat. Dan jistona ferm mal-allegazzjoni tieghu kontenuta f'dan l-aggravju li n-nuqqas ta' informazzjoni rigward ir-raguni tad-detenzjoni u sahansitra t-tul ta' din id-detenzjoni tqanqlet fih hafna tenzjoni u anzjeta`.

**53.** Ghalhekk din il-parti ta' dan l-aggravju m'hijex gustifikata u qed tigi michuda.

**54.** It-tieni parti ta' dan l-aggravju hu msejjes fuq l-Artikolu 5[4] li jistipula:

"[4] Kull min ikun ipprivat mill-liberta' tieghu b' arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi."

**55.** Fir-rigward l-appellant jghid li:

"... ma kellux il-possibilita' li jaghmel talba lill-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali [Kap.9] kif ukoll li jaghmel talba ai termini tal-Artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni [Kap.217] ghaliex dawn ir-rimedji kollha huma naccessibbli ghad-detenuti, u dan peress li la nghataw informazzjoni dwar ir-rimedji u x' ghandhom jaghmlu biex juzawhom, u lanqas jinghataw il-beneficju tal-ghajnuna legali biex jkunu jistghu jaghmlu uzu effettiv minn dawn ir-rimedji.

"... anke f' kaz fejn hemm dritt ghall-ghajnuna legali, bhal fil-kaz tar-rikors kostituzzjonali, fil-fatt huwa mpossibbli ghal detenut li jottjeni s-servizzi ta' avukat tal-ghajnuna legali peress li fil-prattika dan is-servizz huwa naccessibbli ghal min jinsab detenut sakemm ma jkunx akkuzat b' reat kriminali."

**56.** Jghid li l-Bord dwar l-Immigrazzjoni ai termini tal-Artikolu 25A ghandu l-gurisdizzjoni li jezamina mhux il-legalita` tad-detenzjoni ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, izda biss jekk id-detenzjoni hijiex ragjonevoli fic-cirkostanzi. Ghalhekk ir-rimedju li jista' jaghti l-Bord huwa limitat u ma jissodisfax il-kriterji tal-Artikolu 5[4]. Huwa jiccita li kazijiet **Kadem v. Malta** u **Sabeur Ben Ali v. Malta** fejn il-Qorti Ewropeja kkunsidrat li, dan huwa l-uniku rimedju fil-ligi Maltija li jevalwa d-detenzjoni fid-dawl tal-Artikolu 5 u l-principji li fuqhom hija msejsa, u ma jistax jigi kkunsidrat bhala rimedju spedit.

**57.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-allegazzjoni tal-appellant li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 25A tal-Kap. 217 kien inaccessibbli ghad-detenuti peress li la nghataw informazzjoni dwar ir-rimedji u x'ghandhom jaghmlu biex juzawhom, u lanqas inghataw il-beneficcju tal-ghajnuna legali biex jaghmlu uzu minnhom, hija in parte gratuwita u in parte kontradetta mill-provi: hija kontradetta mill-provi, ghax mill-atti jirrizulta li mal-wasla taghhom f'Malta u wkoll mal-wasla taghhom fic-centru huma jinghataw librett kontenenti d-drittijiet kollha taghhom, inkluzi r-rimedji ghad-dispozizzjoni taghhom. Barra minnhekk fuq l-ordni

tat-tnehhija stess hemm espressament indikat id-dritt taghhom li jappellaw mill-ordni tat-tnehhija.

**58.** Inoltre, kif xehed il-Kmandant Brian Gatt, meta detenut jistaqsi sabiex ikollu assistenza legali, huma jiehdu l-mizuri sabiex ikun jista' jkellem avukat. Fil-kaz tieghu, l-appellant fix-xhieda tieghu stess jghid li hu inizjalment ma talabx li jkollu avukat, izda sussegwentement tramite Dr. Roberta Buhagiar ghamlet kuntatt mal-avukat prezenti tieghu.

**59.** Ghalhekk din il-parti ta' dan l-aggravju hija nfondata.

**60.** Rigward it-tieni parti tal-aggravju, dwar jekk l-applellant kellux rimedju spedit u effettiv fil-ligi maltija sabiex jikkontesta l-legalita` tad-detenzjoni tieghu, il-Qorti Ewropeja, fil-kaz ***Louled Massoud***, osservat li r-rimedji disponibbli fil-ligi lokali, dawk taht l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali, u taht l-Artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, m'humiex adegwati,

**61.** Qabel ma tghaddi biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha fir-rigward, ghandu jinghad li t-tezi tal-appellati li l-Artikolu 5[4] huwa inapplikabbli stante li l-appellant m'ghadux taht arrest, hija legalment insostenibbli, ghax il-fatt li l-appellant gie rilaxxjat mid-detenzjoni matul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti m'huwiex ta' ostakolu ghat-talba tieghu biex tigi ezaminata l-pretenzjoni tieghu li gie lez fil-konfront tieghu d-dritt sancit b'dan is-sub inciz, u cioe` d-dritt li jikkontesta l-legalita` tad-detenzjoni tieghu fil-perjodu tal-istess, u id-dewmien sakemm gie rilaxxjat.

**62.** Dwar ir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali, kif interpretat mill-Qrati Maltin, hija gusta l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropeja li din id-dispozizzjoni tal-ligi ma tikkostitwixxi *"an effetive remedy for the purposes of the Convention in that it stopped short of examaining the lawfulness in the light of the requirements of the Convention"* u ghalhekk ikkonkludiet li dan l-Artikolu ma kienx rimedju effettiv ghall-finijiet tal-Artikolu 5[4] tal-Konvenzjoni. Fir-rigward, saret referenza

ghall-kaz **Karim Barboush v. Kummissarju tal-Pulizija**[29] fejn il-Qorti Kriminali ddecidiet li l-kompetenza tal-Artikolu 409A ma testendix ghall-ezami tal-aspetti kostituzzjonali tal-kaz.

**63.** Dwar l-Artikolu 25A tal-Kap. 217, il-Qorti Ewropeja osservat ukoll li dan ma jipprovdix rimedju effettiv u spedit, kemm minhabba l-fattur tad-dewmien kif ukoll minhabba r-restrizzjoniijiet kontemplati fis-sub-inciz [11] li jirrestringu l-kompetenza tal-Bord tal-Appelli.

**64**. Dwar ir-rimedju kostituzzjonali lokali din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-Qorti Ewropeja ddeskriviet il-procedura bhala *"cumbersome",* tenut kont tal-fattur tad-dewmien, izda huwa fatt li fl-ordinament guridiku lokali jezisti mezz sabiex tigi kontestata l-legalita` tad-detenzjoni bi procedura li m'hijiex dispendjuza. Inoltre, hemm regoli precizi ntestati *"Court Practice and Procedure concerning Constitutional Matters*[30]*"* intizi proprju sabiex dawn it-tip ta' proceduri jkunu kemm simplifikati, kif ukoll speditì[31] kemm jista' jkun. Ukoll, bhal proceduri civili, tista' ssir sabiex il-kaz jinstema' bl-urgenza, u fl-imsemmija regolamenti hemm provdut li t-termini ghall-appell jistghu jigu abbrevjati.[32]

**65.** Fil-kaz in dizamina l-Qorti tosserva li l-appellant, minflok agixxa quddiem il-Bord tal-Appelli sabiex jattakka l-ordni tat-tnehhija, jew sabiex jigi rilaxxjat mid-detenzjoni, ghazel li jressaq proceduri kostituzzjonali fit-28 ta' Ottubru 2008, u cioe` <u>meta kien ilu tliet xhur fic-centru tad-detenzjoni</u>; il-kawza bdiet tinstema' fis-16 ta' Jannar 2009 meta d-difensur tar-rikorrenti ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Ma saret ebda talba sabiex il-kaz jinstema' bl-urgenza.

**66.** Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, kien hemm ksur tal-Artikolu 5[4] tal-Konvenzjoni fil-

---

[29] Deciz 5 Novembru 2004; saret ukoll referenza ghal kaz PA [SK] **Besa Berhe v. Kummissarju tal-Pulizija** – deciz 20 Gunju 2007
[30] Avvizi Legali 279 u 333 tas-sena 2008
[31] Regolament 6
[32] Regolament 4[3]

konfront tal-appellant, u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

*Il-Tielet Aggravju*

**67.** Dan hu msejjes fuq l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li jipprotegi bhala dritt fundamentali d-dritt ta' kull persuna milli tigi assoggettata ghal tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti.

**68.** L-appellant jilmenta li kemm id-dewmien tieghu fic-centru, kif ukoll l-ambjent fl-istess centru jikkostitwixxu ksur ta' dan l-artikolu. Jghid li c-centru ta' Hal Safi *"gie kkundannat kemm-il darba minn organizzazzjonijiet lokali mhux governativi, kif ukoll minn ghaqdiet u stituzzjonijiet internazzjonali."* Jilmenta mill-iffullar u n-nuqqas ta' facilitajiet sanitarji u n-nuqqas ta' access ghall-arja, u li dawn hallew effett emozjonali fuqu. Jghid li *"in-nuqqas ta' rispett mill-awtoritajiet tac-centru, sew ukoll il-fatt li ma ghandhom xejn x'jaghmlu matul il-gurnata ilkoll jassumu grad ogholi ta' trattament degradanti u umiljanti."*

**69.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata u korretta tal-ligi u tal-gurisprudenza in materja, kif ukoll ghamlet apprezzament tal-fatti, u waslet ghall-konkluzjoni li, ghalkemm wiehed jifhem is-sitwazzjoni ta' anzjeta' u dwejjaq li jkollu immigranti f'dawk il-kundizzjoni li jkunu fiha, izda dan ma jammontax la ghal trattament inuman u lanqas trattament degredanti, u din il-Qorti ma tarax li, fuq il-provi akkwiziti, ghandha tiddisturba dan l-apprezzament.

**70.** Mix-xhieda tal-kmandat Brian Gatt, korraborata f'certu aspetti mir-rikorrent Emanuel Onyaka Udem, u anke mid-Direttur Generali ghas-Servizzi tas-Sahha fil-Gvern, Dr. John Cachia, irrizulta li fic-centru hemm il-facilitajiet sanitarji necessarji, u hemm assistenza medika kwazi kontinwa, kif ukoll assistenza kontinwa wkoll mill-NGOs li jghinu lid-detenuti f'dak li jkollhom bzonn. Di piu` l-imsemmi xhud, li xehed fi Frar 2009 spjega li ghaxar xhur qabel, kien sar *refurbishment* fic-centru.

**71.** Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell.
L-ispejjez jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------